MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Numru. 367/2004

QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

-vs-

Mario Buttigieg ta' 15-il sena bin Eddie u Rita nee' Abela imwieled fis-27 ta' Awissu 1988 u joqghod "Edmar", Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex (I.D. Nru. 32288G)

Illum 28 ta' Lulju 2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-23 ta' Mejju 2004 ghall-habta tal-14.45hrs waqt li kien qieghed gewwa x-Xatt, l-Imgarr, Ghawdex l/o Ghajnsielem, b'mod volontarju kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat , storbju u glied jew mod iehor (Art 338 dd Kap 9);

2. aktar talli qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-kodici jew offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew dicenza pubblika;

3. aktar talli hebb kontra l-persuna sabiex jingurja jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici (Art 339(d) tal-Kap 9).

Semghet il-provi;

Ma ssibux hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza u minnhom tilliberah.

Issibu hati tat-tielet akkuza;

Rat l-artiklu 338 (dd) u Art. 339 (d) tal-Kap 9.

Tikkundannah ghall-ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------